

PROTOKOLL

li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TAL-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAL-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem, "l-Istati Membri", u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem, "il-Komunità",

rappreżentata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

minn naħa waħda, u

IR-RENJU TAL-MAROKK,

minn hawn 'il quddiem, "il-Marokk",

min-naħa l-oħra,

Wara li kkunsidraw l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea u għalhekk mal-Komunità fl-1 ta' Jannar 2007,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija huma Partijiet għall-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, iffirmit fi Brussell fit-12 ta' Diċembru 2006 (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim");

Artikolu 2

1. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma miżjuda mal-Anness II tal-Ftehim (Ftehimiet bilaterali bejn il-Marokk u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea):

(a) wara l-ewwel punt:

“— Ftehim bejn ir-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u r-Renju tal-Marokk dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmit f'Rabat fl-14 ta' Ottubru 1966;”;

(b) wara s-sittax-il punt:

“— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk dwar it-Trasport Ċivili bl-Ajru, iffirmit f'Bukarest fis-6 ta' Diċembru 1971;

kif emendat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim konkluż f'Rabat fil-29 ta' Frar 1996;”.

2. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma miżjuda mal-aħħar paragrafu tal-Anness III tal-Ftehim (awtorizzazzjonijiet għall-operazzjoni u permessi tekniċi: awtoritajiet kompetenti):

(a) wara l-intestatura li tikkonċerna l-Belġju:

“Il-Bulgarija:

Direttorat Ġenerali tal-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili

Ministeru għat-Trasport, it-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni”;

(b) wara l-intestatura li tikkonċerna ir-Repubblika Slovakkja:

“Ir-Rumanija:

Direttorat Ġenerali tal-Infrastruttura u tat-Trasport bl-Ajru

Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura”.

Artikolu 3

It-testi tal-Ftehim bil-Bulgaru u bir-Rumen, mehmuża ma' dan il-Protokoll, huma awtentiċi bl-istess kundizzjonijiet għall-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra.

Artikolu 4

1. Dan il-Ftehim huwa approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri tagħhom stess. Jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Fil-każ fejn, intant, dan il-Protokoll ikun approvat mill-partijiet kontraenti f'data wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, il-Protokoll jidħol għalhekk fis-seħħ skont l-Artikolu 27(1) tal-Ftehim, fid-data li fiha l-partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tweġġ tal-formalitajiet interni ta' approvazzjoni.

2. Dan il-Protokoll għandu japplika fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu mill-Partijiet.

Artikolu 5

Dan il-Protokoll huwa mfassal duplikatament fi Brussell, fit-18 ta' Ġunju 2012 bil-Bulgaru, biċ-Ċek, biċ-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliš, bl-Ispanjol, bl-Isvediż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Għarbi, bit-testi kollha ugwalmment awtentiċi.

За държавите-членки
 Por los Estados miembros
 Za členské státy
 For medlemsstaterne
 Für die Mitgliedstaaten
 Liikmesriikide nimel
 Για τα κράτη μέλη
 For the Member States
 Pour les États membres
 Per gli Stati membri
 Dalīvalstu vārdā –
 Valstybių narių vardu
 A tagállamok részéről
 Għall-Istati Membri
 Voor de lidstaten
 W imieniu Państw Członkowskich
 Pelos Estados-Membros
 Pentru statele membre
 Za členské štáty
 Za države članice
 Jäsenvaltioiden puolesta
 För medlemsstaternas

عن الدول الأعضاء



За Европейския съюз
 Por la Unión Europea
 Za Evropskou unii
 For Den Europæiske Union
 Für die Europäische Union
 Euroopa Liidu nimel
 Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
 For the European Union
 Pour l'Union européenne
 Per l'Unione europea
 Eiropas Savienības vārdā –
 Europos Sąjungos vardu
 Az Európai Unió részéről
 Għall-Unjoni Ewropea
 Voor de Europese Unie
 W imieniu Unii Europejskiej
 Pela União Europeia
 Pentru Uniunea Europeană
 Za Európsku úniu
 Za Evropsko unijo
 Euroopan unionin puolesta
 För Europeiska unionen

عن الاتحاد الأوروبي



За Кралство Мароко
 Por el Reino de Marruecos
 Za Marocké království
 For Kongeriget Marokko
 Für das Königreich Marokko
 Maroko Kuningriigi nimel
 Για το Βασίλειο του Μαρόκου
 For the Kingdom of Morocco
 Pour le Royaume du Maroc
 Per il Regno del Marocco
 Marokas Karalistes vārdā –
 Maroko Karalystės vardu
 A Marokkói Királyság nevében
 Għar-Renju tal-Marokk
 Voor het Koninkrijk Marokko
 W imieniu Królestwa Maroka
 Pelo Reino de Marrocos
 Pentru Regatul Maroc
 Za Marocké kráľovstvo
 Za Kraljevino Maroko
 Marokon kuningaskunnan puolesta
 För Konungariket Marocko

عن المملكة المغربية

